18 ta' Mejju, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Benedetto Axisa *versus* Salvatore Caruana

**Bejgħ — Ċessjoni ta' Bejgħ ta' Karrozza — Obligazzjoni — Kawża Impossibbli — Art. 1030 u 1552 tal-Kap. 23.**

*Meta l-kawża ta' obligazzjoni hija impossibbli b'mod assolut, il-kawża hija ineżistenti, u għalhekk l-obligazzjoni ma għandha ebda effett; għaliex l-obligazzjoni hija mingħajr kawża.*

*Għaldaqstant, jekk wieħed iċedi lil persuna oħra d-dritt tax-xiri ta' karrozza prenotata għand id-ditta importatriċi tal-karrozza, u l-adempiment tal-bejgħ da parti tad-ditta importatriċi jkun impossibbli b'mod assolut, għax l-importazzjoni ta' karrozzi ta' dak il-mudell tkun vjetata, dak il-bejgħ ma jistax ikollu effett, u dak*

*li ċeda l-bejgħ ta' dik il-karrozza kunsa tenut li jrodd liċ-ċessjonarju s-somma ta' flus li dan kien taħ in konsiderazzjoni ta' dik iċ-ċessjoni.*

*I' dan apparti l-fatt li, biex iċ-ċessjoni tkun valida, hemm bżonn li tkun saret bil-miktub, għax hija ċessjoni ta' dritt, u, biex ikollha effett di fronti għat-terzi, trid tkun ġiet denunzjata lid-ditta importatriċi li kellha tikkonsenja l-karrozza, jew li tkun ġiet minn dina d-ditta aċċettata.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi bi skrittura tas-27 ta' Mejju 1947 il-konvenut ċedielu u ttrasferielu *l-bejgħ tal-karrozza "Plymouth"* li l-konvenut kien ipprenota mad-ditta "The Industrial Motor Company", bil-prezz ta' £150; u li sal-lum l-imsemmija ditta ma mportatx karrozzi ta' dina l-marka, u lanqas ma hemm probabbilità illi jiġu mportati f'dawn il-Gżejjer karrozzi tal-istess marka; talab (1) li jiġi riżolut il-bejgħ stipulat bl-iskrittura fuq imsemmija mħabba l-inadempjenza tad-ditta fuq riferita, u għaliex l-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni saret impossibbli, billi ma tistax issir it-tradizzjoni *tal-oġġett tal-bejgħ; (2) u li l-konvenut jiġi kundannat* iħallas lilu s-somma ta' £150, flimkien mal-interessi tas-6% mis-27 ta' Mejju 1947, data tal-istess skrittura. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Frar 1954;

***Omissis;***

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Marzu 1955, li biha ġiet respinta t-talba tal-attur; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Mejju 1955, li rrevokat u annullat l-imsemmija sentenza ta' dik il-Qorti u rrimettietilha l-proċess għat-trattazzjoni u deċiżjoni;

Rat is-sentenza l-oħra ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Ottubru 1955, li biha rrespinġiet it-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li ċ-ċessjoni kienet tirrigwarda biss il-prenotazzjoni tal-karrozza, u kwindi l-konvenut eżegwixxa l-obligazzjoni;

Rat fol. 52 il-petizzjoni, li biha l-attur talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kieku l-kawżali mqegħedha għab-bażi taċ-ċitazzjoni ma kienetx limitata kif inhi, kien ikun il-każ li wieħed jikkunsidra jekk id-dokument fol. 4, firmat biss mill-konvenut, jissodisfax ir-rekwiżit tal-formalità tal-miktub, li l-liġi, fl-art. 1552 Kap. 23 Ediz. Riv., tirrikjedi fil-każ ta' ċessjoni — intiża din il-kelma kif għandha tkun intiża, bħala li testendi għal kull xorta ta' kreditu, dritt, jew azzjoni (Vol. XXVII-I-300), u bħala, kwindi, li tikkomprendi anki l-każ attwali, fejn ġie ċedut id-dritt ta' xiri ta' karrozza f'ċertu grad ta' prenotazzjoni. Kien ikun anki l-każ li wieħed jirrileva li appena jista' jingħad, kif qalet l-Ewwel Qorti, li l-konvenut eżegwixxa l-obligu tiegħu li jċedi l-prenotazzjoni; għax ma jirriżultax li hu nnotifika lid-ditta "Mizzi" (debitriċi tad-dritt ċedut) biċ-ċessjoni, jew li almenu din aċċettat iċ-ċessjoni (art. 1553 u 1555 ibidem); jirriżulta anzi li ebda notament ma sar fil-kotba ta' din id-ditta, u l-prenotazzjoni għadha tgħajjat lill-konvenut;

Il-kawżali taċ-ċitazzjoni però, li tirrigwarda lill-konvenut l-oħra, se maj, tirrigwarda d-ditta "Mizzi"), hi dik hekk espressa: — "Għaliex l-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni saret impossibbli billi ma tistax issir it-tradizzjoni tal-oġġett tal-bejgħ":

Issa, deher mill-provi li karrozza "Plymouth" ta' dak il-mudell taż-żmien taċ-ċessjoni, importabbli mill-Canada jew mill-Amerika, bil-prezz ta' allura, ma hijiex aktar possibbli; għaliex jistgħu jiġu mportati biss karrozzi "Plymouth" mil-Belġju, u ta' mudell divers, u bill-prezz ta' £1300 minflok ta' £600;

Issa, skond il-liġi, art. 1030 Kap. 23, l-obligazzjoni mingħajr kawża ma għandha ebda effett;

Jispiega għap-propożitu l-Giorgi (Teoria delle Obbligazioni, III, 441): — "Lo svolgimento della prima regola ci richiama a determinare che cosa debba intendersi per contratto senza causa. Or bene, una obbligazione contrattuale è senza causa (1) quando, essendo relativa al futuro, non siasi verificata..... La causa invece che ha cessato di esis-

tere o che non si è verificata ha una importanza speciale nei contratti su cosa in tutto o in parte futura. 'Quoties causa respicit tempus futurum', se la cosa sperata in vista della quale si è contratto non si verifica...... il contratto resta inefficace totalmente...... Evidentemente qui si applicano le regole intorno alle prestazioni impossibili......";

Din l-impossibbiltà hija, kif trid il-liġi sabiex obligazzjoni ma treġġix, assoluta, u mhux relattiva għad-ditta "Mizzi" biss; u infatti hi dovuta għall-fatt li l-Gvern ma ppermettiex l-importazzjoni ta' dawn il-karrozzi mil-Canada jew mill-Amerika;

Għalhekk, il-kawża tal-obligazzjoni fil-każ preżenti hija ineżistenti, għaliex impossibbli; u din l-impossibbilità hi appuntu l-kawzali espressa fiċ-ċitazzjoni. Hemm lok, għalhekk, għar-restituzzjoni ta' dak li ġie mħallas mill-attur;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.